



Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5535/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0312(NLE)

SCH-EVAL 12
DATAPROTECT 15
COMIX 43

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14245/20
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Ċipru fid-dawl li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- protezzjoni tad-data

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Ċipru bil-ħsieb li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, adottata permezz ta' proċedura bil-miktub fil-21 ta' Jannar 2021.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Ċipru bil-ħsieb li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-iskop ta' din id-Deċiżjoni li tistabbilixxi rakkomandazzjoni huwa li tirrakkomanda lil Ċipru azzjonijiet korrettivi biex jindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ta' Schengen tal-kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, li saret fl-2019. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati waqt l-evalwazzjoni ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020)8150.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) It-tim ta' fuq il-post jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda reċenti fir-riżorsi umani u finanzjarji allokat lill-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data (APD). L-involviment tal-APD biex tipprovdi attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ġenerali u l-preżentazzjonijiet u d-diskorsi li ttellgħu fuq is-sit web tal-APD jittqiesu bħala l-aħjar prattika. Il-programm ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija dwar il-leġiżlazzjoni SIS II u l-protezzjoni tad-data implimentat mill-Pulizija ta' Ċipru wkoll huwa perċepit bħala prattika tajba.
- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen rigward il-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li tiġi prijoritizzata l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1, 3, 5, 6, 8, 9 u 11.
- (4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, Ċipru jistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha sabiex jiġi kkoreġut kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u jipprovdi dan il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li Ċipru:

Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem: APD)

1. jipprovdi evidenza tal-passi meħuda biex jiġi żgurat li l-APD ikollha biżżejjed riżorsi umani u baġitarji għall-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-ipproċessar tad-data personali fil-futur fil-qafas tal-acquis ta' Schengen;
2. jimplimenta, u jipprovdi kopja ta' Pjan ta' Superviżjoni tas-SIS u l-VIS ta' Ċipru li jkopri l-fażi ta' tnedija u ta' implimentazzjoni għat-tliet snin li ġejjin, inklużi l-attivitajiet superviżorji ppjanati kollha kemm matul il-fażi ta' implimentazzjoni kif ukoll meta jibdew joperaw is-sistemi;

Drittijiet tas-suġġetti tad-data

3. jiżgura li l-informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom fis-SIS II u l-VIS fuq is-siti web tal-Pulizija u l-MFA tkun disponibbli wkoll tal-anqas bl-Ingliż u aċċessibbli faċilment għas-soġġetti tad-data. B'mod partikolari, jenħtieġ li, fuq is-siti web rispettivi tagħhom, ikunu disponibbli formoli standard/mudelli ta' ittri speċifiċi għat-talbiet tas-soġġetti tad-data b'rabta mas-SIS II u l-VIS;
4. ipoġġi avviż fejn jidher u jipprovdi fuljetti bl-informazzjoni lis-soġġetti tad-data dwar id-drittijiet tagħhom u l-ipproċessar tad-data tagħhom fil-binjiet tal-MFA u fil-postijiet kollha fejn l-awtoritajiet ikunu qed jipproċessaw id-data personali fl-N.VIS għan-nom tal-MFA, bħal fil-kontroll fil-fruntieri u fil-kiosks;

Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

5. jiżgura li, mill-aktar fis possibbli, ikun hemm fis-seħħ leġislazzjoni nazzjonali dwar l-N.VIS;
6. jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex jimplimenta l-N.VIS il-ġdida u biex jiżgura l-konformità tagħha mal-acquis tal-VIS u mar-rekwiżit tal-protezzjoni tad-data;
7. jiżgura li l-MFA jimplimenta proċedura għall-ġbir u ż-żamma tal-logs allinjata mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-VIS;
8. jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura l-istabbiltà tal-pożizzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fl-MFA, u jiżgura l-involviment tiegħu/tagħha waqt il-fażijiet tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-N.VIS il-ġdida;

Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

9. jiżgura li l-leġislazzjoni nazzjonali dwar l-N.SIS II tiġi adottata mill-aktar fis possibbli;
10. jiżgura li l-kwistjonijiet rilevanti kollha b'rabta mal-protezzjoni tad-data personali jiġu diskussi kif suppost mill-partijiet ikkonċernati kollha, u li, qabel ma l-N.SIS II tibda topera, issir valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali;

11. jiżgura li jittieħdu l-miżuri rilevanti kollha biex tiġi ppreżervata l-kwalità tad-data tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-informazzjoni;
12. jagħmel testijiet biex jiżgura l-integrazzjoni kif suppost tal-N.SIS II mas-sistemi preeżistenti tal-Pulizija u jiffinalizza l-proċess biex jinbidel it-tagħmir qadim tal-kompjuter;
13. jiżgura li l-ħolqien u d-dokumentazzjoni tal-profilu tal-persunal isiru f'konformità mal-Artikolu 10(1)(g) tad-Deċiżjoni u r-Regolament tal-Kunsill dwar is-SIS II;
14. jissottometti pjan ta' sigurtà speċifiku skont ir-rekwiżiti legali;
15. jiżgura l-iżvilupp ta' politika komprensiva li tiggarantixxi li qabel ma l-N.SIS II tibda topera, ikun hemm fis-seħħ attivitajiet ta' awtoverifika fis-sens tal-Artikolu 10(1)(k) tad-Deċiżjoni u r-Regolament tal-Kunsill dwar is-SIS II;

Sensibilizzazzjoni

16. jipprovdi informazzjoni dwar l-ippjanar tal-attivitajiet biex jiżdied il-livell ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar is-SIS u l-VIS;

Kooperazzjoni Internazzjonali

17. jikkonferma li l-APD ser tieħu sehem regolament fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-Superviżjoni tas-SIS II u tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-Superviżjoni tal-VIS stabbiliti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President